L-Awtorità tax-Xandir
MALTA
Broadcasting Authority

Is-Sur Ralph Cassar
Segretarju Ġenerali
ADPD

16 ta' Mejju, 2023
Ref. 43/23

Għażiż Sur Cassar,

Deċiżjoni tal-ilment minn ADPD vs. ONE News

Mehmuża ma' din l-ittra għandek issib id-deċiżjoni tal-Awtorità tax-Xandir rigward l-ilment imressaq minn ADPD rigward nuqqas ta' rappurtaġġ tal-konferenza stampa mill-ADPD, dwar il-qrubija tal-politiċi man-negozjanti li saret fl-1 ta' April, 2023.

Inselli għalik,

Frank V. Farrugia
Chairman

7 Mile End Road, Hamrun HMR 1719, Malta
Telephone: +356 2201 6000, E-mail: info.ba@ba.org.mt
www.ba-malta.org

**Deċiżjoni rigward ilment tal-ADPD kontra l-aħbarijiet ta' ONE dwar nuqqas ta' rappurtaġġ ta' konferenza stampa mill-ADPD dwar il-qrubija tal-politiċi man-negozjanti li saret fl-1 ta' April 2023.**

F'seduta li nżammet fl-4 ta' Mejju 2023, l-Awtorità semgħet l-ilment imressaq mill-ADPD kontra ONE minħabba li ONE naqas li jirrapporta konferenza tal-aħbarijiet tal-ADPD li saret fl-1 ta' April dwar il-qrubija tal-politiċi man-negozjanti.

Għall-ADPD dehru ċ-Chairperson tal-ADPD il-Perit Carmel Cacopardo, id-Deputat Chairperson Sandra Gauci u s-Segretarju Ġenerali Ralph Cassar. Iżda minkejja li l-ONE ġew notifikati fis-27 ta' April 2023 dawn ma dehrux għas-seduta u ai termini ta' Paragrafu 12 (b) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjara 360.06, l-Awtorità kompliet bis-smigħ.

Il-Perit Carmel Cacopardo spjega li l-ADPD fl-1 ta' April kienet għamlet konferenza tal-aħbarijiet dwar il-qrubija tal-politiċi man-negozjanti u l-argument politiku kien li dan huwa ta' ħsara għad-demokrazija. Qal li f'din il-konferenza kienet saret referenza għal temi kurrenti li kienu qed jiżviluppaw f'dan ir-rigward. Qal li l-istazzjon ONE qed jinħeba taħt l-argument tal-valur ta' aħbar u mhux qed jirrapporta l-konferenzi tal-aħbarijiet jew l-istqarrijiet tal-ADPD. Il-Perit Cacopardo qal li din hija ċensura politika min-naħa tal-ONE minħabba li dan qatt mhu qed jiġi rrappurtat.

Wara li l-Awtorità semgħet is-sottomissjonijiet mill-ADPD, rat li l-konferenza tal-aħbarijiet tal-ADPD dwar il-qrubija tal-politiċi man-negozjanti fil-kuntest kurrenti li saret, kellha valur ta' aħbar. Għaldaqstant l-Awtorità laqgħet l-ilment tal-ADPD iżda ma kienx hemm lok ta' rimedju.

16 ta' Mejju 2023